

**L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja**

**Programm ta' Ħidma 2012**

<b>1. SOMMARJU EŻEKUTTIV .....</b>	<b>3</b>
<b>2. INTRODUEZZJONI .....</b>	<b>4</b>
<b>3. BAĠIT 2012 .....</b>	<b>7</b>
<b>4. PRIJORITAJIET OPERATTIVI .....</b>	<b>8</b>
4.1 Ġestjoni operattiva u kompiti relatati għal SIS II, VIS u EURODAC .....	8
4.2 Infrastruttura tal-Komunikazzjonijiet .....	11
4.3 Adozzjoni ta' miżuri ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-dejta .....	12
4.5 Monitraġġ, rapportar u statistika u Komunikazzjoni .....	14
4.6 Organizzazzjoni ta' taħriġ dwar is-Sistemi tal-IT .....	15
4.7 Kooperazzjoni ma' aġenziji, organizzazzjonijiet u proġetti oħrajn fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.....	16
4.8 Gruppi Konsultattivi .....	17
4.9 Segretarjat tal-Bord ta' Tmexxija .....	18
4.10 Kompiti Operattivi Oħrajn.....	18
<b>5. BINI TAT-TIM .....</b>	<b>19</b>
5.1 L-istrateġija ta' rekrutaġġ tal-Aġenzija fl-2012.....	19
5.2 Pjan multiannwali tal-politika dwar il-persunal għall-2013-2015 .....	20
5.3 Taħriġ tal-Persunal tal-Aġenzija.....	20
<b>6. KWISTJONIJIET AMMINISTRATTIVI, L-INFRASTRUTTURA, IL-ĠESTJONI FINANZJARJA U L-LOGĠISTIKA .....</b>	<b>22</b>
6.1 Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali mal-Estonja u ftehimiet dwar is-siti ma' Franza u l-Awstrija .....	22
6.2 Il-bini tal-Kwartieri Ġenerali f' Tallinn, l-Estonja .....	23
6.3 Konverżjoni mill-ġdid ta' C.SIS fi Strasburgu f' sit tekniku tal-Aġenzija .....	23
6.4 Thejġija tas-sit ta' riżerva f' St Johann im Pongau .....	23
6.5 Ġestjoni Finanzjarja .....	24
6.6 Arranġamenti oħrajn.....	25

# 1. Sommarju Eżekuttiv

L-Aġenzija Ewropea tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja twaqqfet permezz tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 01.11.2011, p.1) li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011.

Dan il-programm ta' ħidma jispjega l-prijoritajiet ewlenin għal din l-Aġenzija għall-2012. Peress li r-Regolament imsemmi hawn fuq ġie adottat f'Ottubru 2011, id-dati ta' skadenza annwali għat-tħejjija u l-komunikazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali fis-sena ta' qabel ma setgħux jintlaħqu għall-Programm ta' Ħidma għall-2012. Għaldaqstant, dan id-dokument tħejja mill-aktar fis possibbli wara t-twaqqif tal-Aġenzija. Ġie diskuss fl-ewwel laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija li saret fit-22-23 ta' Marzu 2012 u ġie rivedut biex jitqiesu l-kummenti pprovduti mill-membri ta' dan il-Bord sat-30 ta' April 2012. Kien approvat fil-laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija li saret fit-28 ta' Ġunju 2012, wara li tqiesu l-opinjoni pprovduti mit-tliet gruppi Konsultattivi fil-laqgħat tagħhom skedati għal kmieni f'Ġunju 2012 u għandu jiġi approvat sa tmiem Settembru 2012, wara li titqies l-opinjoni tal-Kummissjoni li ser tingħata f'Settembru 2012.

Fi żmien il-Laqgħat imsemmija tal-Bord ta' Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv kien għadu ma bediex jaħdem fil-kariga tiegħu. Għaldaqstant, il-Programm ta' Ħidma tal-2012 tħejja mid-DG Affarijiet Interni fil-kapaċità tiegħu bħala DG prinċipali tal-Aġenzija.

Il-prijoritajiet stabbiliti f'dan il-programm ta' ħidma jirriflettu d-dmirijiet assenjati lil din l-Aġenzija kif stipulati fil-Kapitolu II tar-Regolament bażiku u jqisu wkoll l-aspettattivi stabbiliti fil-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni. Din l-Aġenzija hija organizzazzjoni ġdida, iżda mhux il-kompiti kollha tagħha huma ġodda. Skont ir-Regolament bażiku, fil-qafas tal-Aġenzija ser jiġu inkorporati għadd ta' attivitajiet kontinwi għall-ġestjoni operattiva tal-proġetti VIS u EURODAC.

Peress li din hija l-ewwel sena li fiha bdiet topera, l-attivitajiet matul ħafna minn dan il-perjodu ser jiffokaw fuq it-twaqqif tal-istrutturi vitali tal-Aġenzija (siti, bini u tagħmir, b'konformità mal-istandards tekniċi u tas-sigurtà u l-liġijiet applikabbli), l-implimentazzjoni tal-istruttura, l-organizzazzjoni, u t-timijiet ta' governanza u t-tħejjija għall-kisba tal-kontroll tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi, b'mod partikolari, il-preparazzjonijiet tekniċi u loġistiċi u l-monitoraġġ u t-taħriġ għall-persunal. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, minn Diċembru 2012 'il quddiem, l-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-ġestjoni tal-ewwel żewġ sistemi li ser tiegħu f'idejha, jiġifieri VIS u EURODAC. Il-kompiti speċifiċi f'dan il-qasam ser jinkludu t-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi, miżuri għall-garanzija ta' servizz bla heda li ma jaqtax, żvilupp tekniku meħtieġ għat-tħaddim bla intoppi tagħhom u bosta kompiti relatati mas-sigurtà u n-netwerk tal-Komunikazzjonijiet. Fl-istess ħin, l-Aġenzija ser tħejji ruħha biex tiegħu taħt idejha l-operazzjonijiet ta' SIS II (li mistennija jiġu implimentati ladarba s-sistema tiġi attivata fl-ewwel trimestru tal-2013).

L-attivitajiet spjegati f'dan id-dokument huma previsti għall-2012. Madankollu, jista' jkun hemm il-possibilità li d-Direttur Eżekuttiv ikollu jiddeċiedi li jittrasferixxi xi attivitajiet għall-2013, jekk jinjalghu ċirkustanzi mhux mistennija. F'dan il-każ, id-Direttur ser jipproponi l-emendi xierqa għal dan il-Programm ta' Ħidma matul l-2012.

## 2. Introduzzjoni

L-Aġenzija Ewropea tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ser tikkontribwixxi għaż-żamma tas-sigurtà fil-fruntieri esterni, għall-kooperazzjoni effettiva bejn il-pulizija u għall-implimentazzjoni ta' politika Ewropea dwar il-viżi u l-asil, billi tiżgura li l-ġestjoni operattiva u l-issoktar tal-operazzjonijiet ta' għadd ta' sistemi tal-informazzjoni fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Il-missjoni ewlenija tal-Aġenzija ser tkun li ttwettaq il-kompiti ta' ġestjoni operattiva għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-EURODAC. Fil-livell operazzjonali, il-kompitu ewlieni tagħha ser ikun li tiżgura li dawn is-sistemi jaħdmu 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. L-Aġenzija ser ttwettaq ukoll għadd ta' kompiti addizzjonali marbutin mas-sistemi tal-IT li huma taħt ir-responsabbiltà tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà, il-protezzjoni tad-dejta, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-pubblikazzjoni ta' statistika, it-taħriġ u l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

L-istruttura amministrattiva u ta' ġestjoni tal-Aġenzija għandha tinkludi Bord ta' Tmexxija, Direttur Eżekuttiv u Gruppi Konsultattivi.

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għat-twaqqif u t-tħaddim inizjali tal-Aġenzija sakemm din tal-aħħar ikollha l-kapaċità operattiva sabiex timplimenta l-baġit tagħha stess. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni tista' talloka għadd limitat ta' uffiċjali, inkluż wieħed għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' Direttur Eżekuttiv, fuq bażi interim. Is-Sur Ioan-Drăgoș Tudorache inġenier bħala d-Direttur Eżekuttiv interim mis-16 ta' April 2012.

Din l-Aġenzija ser tkun f'fażi ta' tnedija fl-2012. Id-DĠ HOME fil-kapaċità tiegħu bħala DĠ prinċipali, id-Direttur Eżekuttiv Interim u d-Direttur Eżekuttiv, sa mill-ħatra tiegħu, ser jikkonċentraw fuq it-twaqqif tal-istrutturi vitali tal-Aġenzija (siti, bini u tagħmir) u ser jibdedw bir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' persunal u l-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni, it-timijiet u l-komponenti essenzjali tal-istruttura ta' governanza, primarjament il-Bord ta' Tmexxija u l-gruppi Konsultattivi.

Attivitajiet importanti oħrajn fl-2012 ser ikunu t-tħejjijiet għat-teħid taħt kontroll tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi u l-implimentazzjoni tal-kompiti ewlenin għall-ġestjoni tal-ewwel mewġa ta' sistemi li l-Aġenzija ser tiegħu f'idejha, inklużi l-kompiti tagħha marbutin mas-sigurtà u n-netwerk ta' komunikazzjoni. Skont ir-Regolament li waqqafha, l-Aġenzija ser tiegħu f'idejha r-responsabilitajiet fir-rigward tal-kompiti ewlenin tagħha sa mill-1 ta' Diċembru 2012. Madankollu, il-kompiti relatati ma' SIS II mhux ser ttwettaqhom sakemm is-sistema tiġi attivata fl-ewwel trimestru tal-2013. Kompiti addizzjonali oħrajn bħall-monitoraġġ tar-riċerka għandhom jibdedw fl-2013.

L-Aġenzija ser ikollha 3 siti:

- Is-sede li ser tkun ibbażata f'Tallinn, l-Estonja
- Is-sit tekniku fi Strasburgu (Unità Ċentrali - CU), Franza, fejn ser jitwettqu l-kompiti marbutin mal-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva tas-sistemi attwali u tal-ġejjieni
- Sit ta' riżerva (BCU) f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija, li kapaċi jiżgura t-tħaddim ta' sistema tal-IT fuq skala kbira fil-każ ta' ħsara fit-tali sistema tas-sit tekniku ewlieni.

Matul din is-sena l-Aġenzija ser tinnegozja u tiffirma ftehimiet mal-Istati Membri ospitanti dwar il-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija u s-sit tekniku u dak ta' riżerva.

Ser tinnegozja wkoll ftehimiet mal-pajjiżi assoċjati mal-*acquis* ta' Schengen u l-miżuri relatati ma' Eurodac (in-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein u l-Isvizzera), sabiex jiġu ddefiniti r-regoli dettaljati tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħidma tal-Aġenzija. Fi Frar 2012 il-Kummissjoni Ewropea adottat rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u, fuq il-bażi tad-diertiivi tan-negozjar tal-Kunsill, ser tinnegozja l-ftehimiet f'isem l-UE, skont il-proċedura stabbilita fit-TFUE għall-adozzjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Hu mistenni li n-negozjati jiġu ffinalizzati qabel tmien l-2012.

Dan il-programm ta' ħidma jieħu kont tal-fatt li d-Direttur Eżekuttiv ser jieħu l-kariga tiegħu fil-Ħarifa tal-2012, li l-Aġenzija ser tibda ttwettaq il-kompiti tagħha marbutin mal-ġestjoni operattiva tas-sistemi fl-1 ta' Diċembru 2012, li l-persunal tal-bidu ser jibda jtwettaq xogħlu pass wara pass matul l-2012 u li l-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn ser ikunu qegħdin joperaw minn bini temporanju. L-azzjonijiet ippjanati għall-2012 ġew iddefiniti f'termini ġenerali, sabiex jippermettu li jkun hemm flessibilità fl-implimentazzjoni ta' dan il-programm ta' ħidma.

Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament bażiku, **Bord ta' Tmexxija** ser ikun komponent ewlieni tal-istruttura amministrattiva tal-Aġenzija. Il-kompitu ewlieni ta' dan il-Bord ser ikun li jiżgura li l-Aġenzija ttwettaq il-missjoni tagħha u l-kompiti assenjati lilha skont ir-Regolament u l-istrumenti legali li jirregolaw kull waħda mis-sistemi u li jissorvelja l-ħidma tad-Direttur Eżekuttiv.

Il-Bord ta' Tmexxija ser ikun imsawwar minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni. Rappreżentanti mill-EUROJUST u l-EUROPOL ser jipparteċipaw f'dan il-Bord bħala osservaturi. Anki r-rappreżentanti mill-pajjiżi assoċjati<sup>1</sup> ser jipparteċipaw f'dan il-bord bħala osservaturi, sakemm tasal il-konklużjoni tal-arranġamenti definittivi skont l-Artikolu 37 tar-Regolament bażiku.

Id-deċiżjonijiet u d-dokumenti ewlenin li għandhom jiġu approvati mill-Bord ta' Tmexxija fl-2012 jinkludu:

- regoli tal-proċedura
- l-abbozz tal-istruttura organizzattiva
- il-Pjan Multiannwali tal-Politika dwar il-Persunal għall-2013-2015
- miżuri ta' implimentazzjoni marbutin mar-Regolamenti dwar il-Persunal
- miżuri ta' implimentazzjoni għas-sekondar ta' esperti nazzjonali
- l-abbozz tal-avviżi dwar postijiet battali għal ċerti karigi prinċipali, u l-ħatra ta' membri prinċipali tal-persunal (Direttur Eżekuttiv, Uffiċjal tal-Kontabilità, Uffiċjal tas-Sigurtà u Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data)
- l-abbozz tar-Regolament Finanzjarju
- il-baġit tal-2012 u l-abbozz tal-baġit (l-istimi) għall-2013
- ir-Rapport tal-Attività Annwali għall-2011
- l-abbozz tal-Programmi ta' Ħidma Annwali għall-2012 u l-2013
- programm ta' ħidma multiannwali
- miżuri ta' sigurtà
- il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali u Ftehimiet għas-sit tekniku u dak ta' riżerva
- arranġamenti prattiċi dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni
- Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija

---

<sup>1</sup> Pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u miżuri relatati mal-Eurodac

- deċiżjoni li tikkonċerna t-termini u l-kundizzjonijiet għal investigazzjonijiet interni relatati mal-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali li tkun ta' ħsara għall-interess tal-Komunitajiet
- Il-Bord ta' Tmexxija ser ikollu japprova wkoll deċiżjonijiet relatati mat-tneħħija tal-EURODAC.

Il-Bord ta' Tmexxija ser ikun responsabbli wkoll mill-pubblikazzjoni ta' statistika dwar is-sistemi tal-IT ġestiti mill-Aġenzija, għall-pubblikazzjoni ta' listi ta' korpi nazzjonali awtorizzati biex jużaw u/jew jaċċessaw is-sistemi tal-IT, l-adozzjoni ta' rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' dawn is-sistemi tal-IT, l-għoti ta' pariri lid-Direttur Eżekuttiv dwar il-ġestjoni operattiva ta' dawn is-sistemi u jiżgura li jingħata segwitu adegwat għas-sejbiet tal-awditjar u l-evalwazzjonijiet, inkluż l-awditjar tal-KEPD.

Il-laqgħa inawgurati tal-Bord ta' Tmexxija saret fit-22-23 ta' Marzu 2012 u t-tieni laqgħa saret fit-28 ta' Ġunju 2012. Fil-punt 4.9 jingħataw il-kalendarju għal-laqgħat ta' wara u iktar informazzjoni dwar kwistjonijiet amministrattivi relatati ma' dan il-bord.

Il-Gruppi Konsultattivi ser ikunu magħmulin mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni, il-Europol u l-Eurojust (għal SIS II) u l-Europol (għall-Grupp Konsultattiv tal-VIS). Dawn ser jipprovdu lill-Bord ta' Tmexxija bil-kompetenzi marbuta ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira u, b'mod partikolari, fil-kuntest tat-tnejjija tal-programm ta' ħidma annwali u r-rapport annwali tal-attività. Anki l-persunal tal-Aġenzija ser jipprovdi appoġġ sħiħ għall-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi.

L-Aġenzija ser tibda wkoll tiddiskuti u tippjana b'mod intern, bil-għan li timplimenta strutturi u proċessi fl-2013 biex tiżgura allinjament tal-għanijiet tekniċi u kummerċjali.

### 3. Baġit 2012

L-abbozz preliminari tal-baġit għall-Aġenzija għall-2012 tħejja mill-Kummissjoni fir-rwol amministrattiv tagħha u għandu jiġi approvat mill-Bord ta' Tmexxija fl-2012. Is-sussidju tal-UE li għandu jiġi pprovdut lill-Aġenzija fl-2012 ġie approvat mill-Awtorità tal-Baġit fi tmiem l-2011 bħala parti mill-Baġit Ġenerali tal-UE għall-2012.

INFIQ 2012	Approprjazzjonijiet ta' impenn (EUR)	Approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR)
<b>Titolu 1</b>		
<b>Nefqa għal Persunal</b>	<b>4,563,000</b>	<b>4,563,000</b>
11 Salarji u allowances	4,063,000	4,063,000
- li minnhom karigi fil-pjan ta' stabbiliment	4,063,000	4,063,000
- li minnhom persunal estern	0	0
12 Nefqa relatata mar-reklutaġġ ta' Persunal	0	0
13 Spejjeż ta' missjonijiet	200,000	200,000
14 Infrastruttura soċjomedika	0	0
15 Taħriġ	300,000	300,000
16 Servizzi Esterni	0	0
17 Riċevimenti u avvenimenti	0	0
<b>Titolu 2</b>		
<b>Infrastruttura u nefqa operattiva</b>	<b>9,297,000</b>	<b>9,297,000</b>
20 Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati	3,580,000	3,580,000
21 Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni	0	0
22 Proprjetà mobbli u spejjeż assoċjati	0	0
23 Nefqa amministrattiva attwali	0	0
24 Posta / Telekomunikazzjonijiet	0	0
25 Spejjeż għal laqgħat	500,000	500,000
26 Spejjeż kotinwi b'rabta ma' attivitajiet operattivi	4,780,000	4,780,000
27 Informazzjoni u pubblikazzjoni	337,000	337,000
28 Studji	100,000	100,000
<b>Titolu 3</b>		
<b>Nefqa operattiva</b>	<b>5,940,000</b>	<b>5,940,000</b>
Spża operattiva (li tridu tiġi speċifikata skont il-Kapitolu)	5,940,000	5,940,000
<b>NEFQA TOTALI</b>	<b>19,800,000</b>	<b>19,800,000</b>

## 4. Prijoritajiet Operattivi

Matul l-2012, l-Aġenzija ser tieġu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex tieġu f'idejha l-ġestjoni operattiva ta' VIS u EURODAC sal-1 ta' Diċembru, meta tieġu taħt ir-responsabilità sħiħa tagħha t-tħaddim u l-manutenzjoni tagħhom billi tiggarantixxi servizz bla heda li ma jaqtax u twestaq l-iżvilupp tekniku meħtieġ għat-tħaddim tagħhom mingħajr intoppi.

Il-VIS, li issa hija operata minn Franza fuq il-bażi ta' kuntratt ta' servizz mal-Kummissjoni, ser tittieħed f'idejn l-Aġenzija b'mod formali fl-1 ta' Diċembru 2012. Fl-istess ħin, l-Aġenzija ser tħejji biex iċċaqlaq lil EURODAC mil-Lussemburgu għal Strasburgu u lejn Sank Johann im Pongau fl-2013. Ser tħejji wkoll biex tieġu f'idejha l-operazzjonijiet ta' SIS II u hi mistennija li sa tmiem is-sena ser tkun laqget stadju avvanzat f'dawn it-tħejjijiet.

Kif spjegat f'iktar dettall iktar 'l isfel, l-Aġenzija ser tkun responsabbli wkoll mill-kompiti amministrattivi relatati mal-ġestjoni ta' dawn is-sistemi, l-adozzjoni ta' miżuri ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-dejta u bosta kompiti relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet. Ser tieġu f'idejha wkoll l-attivitajiet fil-qasam tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-istatistika u l-komunikazzjonijiet sa minn tmiem l-2012.

### 4.1 Ġestjoni operattiva u kompiti relatati għal SIS II, VIS u EURODAC

#### SIS II

SIS II għandha tibda titħaddem f'Marzu 2013 u l-Aġenzija għandha tieġu f'idejha l-ġestjoni operattiva ta' Central SIS II f'dak iż-żmien. Sa minn dik id-data, l-Aġenzija għandha tieġu f'idejha l-kompiti mogħtija lill-Awtorità ta' Ġestjoni mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċizzjoni 2007/533/ĠAI. Biex tiżgura li l-Aġenzija żammet mal-iskeda għall-implimentazzjoni ta' dawn il-kompiti, fl-2012 ser tkun involuta f'bosta attivitajiet ta' taħriġ u monitoraġġ.

L-ewwel nett, SIS II ser tgħaddi minn idejn il-Kuntrattur Ewlieni ta' Żvilupp lejn is-CSIS<sup>2</sup> fl-aħħar trimestru tal-2012. Bi tħejjija għal dan, ser jiġi implimentat pjan ta' transizzjoni għal SIS II. Dan il-pjan jistabilixxi l-attivitajiet ta' taħriġ u monitoraġġ meħtieġa għat-trasferiment ta' għarfien mill-kuntrattur ewlieni ta' żvilupp (HPS) għall-persunal tal-operatur attwali, CSIS. Peress li dan il-pjan ta' transizzjoni qed jiġi implimentat b'kontinwità tal-Pjan ta' Transizzjoni ta' VIS, trid tiġi organizzata sessjoni preliminari ta' taħriġ intensiv dwar il-prerekwiżiti għall-parteċipazzjoni fil-pjan ta' Transizzjoni ta' SIS II għall-persunal il-ġdid li jingħaqad mal-Aġenzija. Is-sistema ser tgħaddi minn idejn il-kuntrattur ta' żvilupp għas-CSIS matul l-aħħar trimestru tal-2012.

Din it-tħejjija operattiva ta' SIS II mill-Aġenzija ser tinkludi wkoll ħidma bħala segwitu tal-stadji finali tat-testijiet komprensivi u provi ta' migrazzjoni għall-monitoraġġ tal-persunal tas-CSIS responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dawn l-eżiti finali.

Sa tmiem l-2012 għandha tineda sejħa għall-offerti biex tkopri ż-żamma ta' kundizzjoni tajba għax-xogħol ta' SIS II wara l-Aċċettazzjoni tas-Sistema Finali. Il-proċedura ta' sejħa għall-offerti ser tiġi konkluża mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija. L-Aġenzija ser tħejji ruħha biex tieġu f'idejha l-aspetti operattivi ta' dan il-kuntratt (superviżjoni tat-tħejjijiet għall-manutenzjoni tas-sistema u l-ħidma propja ta' manutenzjoni) sa minn Marzu 2013 u

---

<sup>2</sup> Is-sit tekniku ċentrali tal-awtoritajiet Franċiżi li ser jieħu ħsieb il-ġestjoni operattiva fil-fażi interim sakemm l-Aġenzija tieġu l-kontroll.

kwistjonijiet finanzjarji sa miż-żmien li fih tingħata indipendenza finanzjarja. Fil-punt 6.5 ta' hawn taħt qed jingħata iktar tagħrif dwar il-ġestjoni finanzjarja, inkluż tagħrif dwar il-Bord ta' Tmexxija u l-involviment ta evalwaturi esterni.

AZZJONI	PERJODU TA' ŻMIEN INDIKATTIV
Monitoraġġ u taħriġ (il-Persunal tal-Aġenzija għandu jibbenefika minn taħriġ fuq il-post mill-kuntratt u wara mill-persunal tas-CSIS meta jieħdu f'idejhom it-tħaddim tas-sistema tard fl-2012)	OTTUBRU – DIĊEMBRU 2012
Involviment fit-testijiet komprensivi (monitoraġġ fuq attivitajiet fil-ħajja reali mal-SM, soġġett għal qbil mal-SM)	ĠUNJU – SETTEMBRU 2012
Involviment fit-tħejjijiet għall-migrazzjoni (prova ta' migrazzjoni)	OTTUBRU – DIĊEMBRU 2012

## VIS

Sa mill-1 ta' Diċembru 2012, l-Aġenzija għandha tieħu f'idejha l-kompiti mogħtija lill-Awtorità ta' Ġestjoni mir-Regolament (KE) Nru 767/2008 u d-Deċiżjoni Nru 767/2008. Ser tieħu f'idejha l-ġestjoni operattiva tal-VIS Ċentrali u l-interfaċċji nazzjonali. Dawn il-kompiti ser jinkludu t-tħaddim u l-manutenzjoni tal-VIS, l-iżgurar ta' servizz bla heda li ma jaqtax, rapportar, u l-iżvilupp tekniku meħtieġ għat-tħaddim bla intoppi tas-sistema.

Il-prijorità ewlenija għall-Aġenzija fl-2012 ser tkun li tiżgura t-tlestija fil-ħin tat-tħejjijiet tekniċi, legali u amministrattivi kollha biex tkun lesta tieħu f'idejha dawn il-kompiti. Prijorità speċifika ser tkun li jiġi żgurat li l-persunal tal-Aġenzija jsegwi l-monitoraġġ u t-taħriġ kollu meħtieġ biex jiġi żgurat li dan ikollu esperjenza Prattika fil-kompiti kollha msemmija hawn fuq.

It-tnedija tal-VIS fit-tieni reġjun (il-Lvant Nofsani) waslet fi tmiemha b'suċċess fl-10 ta' Mejju 2012 u t-tnedija fit-tielet reġjun (il-Golf) mistennija li titlesta sa mhux iktar tard mit-2 ta' Ottubru 2012. It-tnedija fir-reġjuni finali ser isseħħ fl-2013, bil-possibilità li testendi sal-2014. Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli mill-aspetti politiċi ta' din it-tnedija. L-Aġenzija ser tkun responsabbli biex tiżgura li l-pjattaforma teknika tal-VIS tappoġġja t-tnedija madwar id-dinja. Il-Grupp Konsultattiv tal-VIS ser ikollu rwol importanti f'dan il-qasam (ara wkoll 4.8).

It-tielet priyorità speċifika ser tkun li jitlestew it-tħejjijiet sabiex l-Aġenzija tieħu f'idejha l-kwistjonijiet operattivi marbutin mas-superviżjoni tax-xogħol tal-kuntratturi fil-kuntratt għaż-żamma tal-VIS f'kundizzjoni tajba għax-xogħol sa Diċembru 2012. Il-kompiti marbutin mal-aġġornar tal-VIS f'dan il-kuntratt ser jibqgħu r-responsabilità tal-Kummissjoni sal-2013. L-Aġenzija ser ikollha tħejji t-trasferiment tar-responsabilitajiet li jikkonċernaw il-kompitu relatat mal-aġġornament tal-VIS. Il-Kummissjoni ser tibqa' responsabbli mill-kwistjonijiet finanzjarji u kuntrattwali sakemm l-Aġenzija tingħata indipendenza finanzjarja.

AZZJONI	PEJRODU TA' ŻMIEN INDIKATTIV
Definizzjoni tal-arranġamenti tax-xogħol bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija għas-superviżjoni u l-implimentazzjoni tal-MWO. Dan il-kuntratt ser jiġi konkluż mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija.	Qabel l-1 ta' Diċembru 2012
Preparazzjonijiet tekniċi sabiex it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-VIS jgħaddu lill-Aġenzija ( <i>il-kompiti għall-adattament/titjib tas-sistema ser jgħaddu f'idejha fl-2013</i> )	Q3 2012
Teħid tas-superviżjoni tal-kompiti ta' manutenzjoni u kwistjonijiet operattivi fil-manutenzjoni tal-kuntratt ta' ordni tax-xogħol (MWO).	1 ta' Diċembru 2012

## EURODAC

Mill-1 ta' Diċembru 2012 l-Aġenzija għandha tiegħu f'idejha l-kompiti mogħtija lill-Kummissjoni bħala l-awtorità responsabbli mill-ġestjoni operattiva ta' EURODAC skont ir-Regolament (KE) Nru 2725/2000 u (KE) Nru 407/2002. B'mod partikolari, ser tiegħu f'idejha t-tħaddim tad-database ċentrali ta' EURODAC f'isem l-Istati Membri. Dan jinkludi wkoll il-kompiti relatati ma' DublinET.

L-attivitajiet fl-2012 ser jiffokaw fuq it-tħejjijiet meħtieġa biex jiġi żgurat it-trasferiment tal-operazzjonijiet ta' EURODAC lejn l-Aġenzija sal-1 ta' Diċembru 2012. Minn dak iż-żmien 'il quddiem l-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-kompiti ewlenin ta' tħaddim tas-sistema u ż-żamma ta' kontinwità tal-operazzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jistabbilixxi l-EURODAC u r-regoli ta' implimentazzjoni. Dawn il-kompiti jinkludu r-reġistrazzjoni fid-Database Ċentrali tal-EURODAC ta' tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri (b'mod partikolari l-marki tas-swaba ta' applikanti għal asil u immigranti miżmuma b'raba mal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna), it-tħaddim tas-sistema f'isem l-Istati Membri, it-tqabbil ta' dejta u t-trasmissjoni tal-entrati li jaqblu lejn l-Istati Membri wara li jitwettqu l-verifiki, il-korrezzjonijiet, it-tħassir jew l-imblokkar meħtieġa tad-dejta fid-Database Ċentrali fiċ-ċirkustanzi speċifiċi previsti mir-Regolament tal-EURODAC u ż-żamma tar-rekords.

Peress li attwalment s-sistema tal-EURODAC hija bbażata fil-Lussemburgu, l-ewwel prijorità ewlenija ser tkun it-tħejjija ta' pjan dettaljat li jiddeskrivi l-kompiti u l-passi kollha prinċipali meħtieġa għat-tneħħija ta' din is-sistema mil-Lussemburgu u tittieħed fi Strasburgu u Sankt Johann im Pongau (xi ħaġa li għandha ssir fl-2013) u t-trasferiment tal-operazzjonijiet lill-Aġenzija (xi ħaġa li għandha ssir f'Diċembru 2012), inklużi kwalunkwe proċeduri ta' akkwist meħtieġa li jridu jiġu implimentati fl-2013. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-2012 ser tkun l-iżgurar li l-membri kollha tal-persunal tal-Aġenzija li ser jaħdmu fuq EURODAC jieħdu sehem f'attivitajiet ta' monitoraġġ u taħriġ, sabiex dawn jiksibu esperjenza prattika fuq il-funzjonijiet u l-proċeduri kollha importanti meħtieġa għat-tħaddim, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tas-sistema.

*Kompiti oħrajn relatati ma' EURODAC jikkonċeraw is-sigurtà, in-netwerk ta' komunikazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-istatistika jissemew fit-taqsimiet relevanti iktar 'l isfel.*

AZZJONI	PERJODU TA' ŻMIEN INDIKATTIV
Emenda tal-kuntratti qafas li jkopru l-persunal u s-servizzi amministrattivi u partiti bħat-tagħmir tal-IT (biex jiġi żgurat li dawn huma validi għall-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija).	Ottubru 2012
It-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjan dettaljat u proċeduri operattivi għat-trasferiment ta' operazzjonijiet lill-Aġenzija.	Tmiem Novembru 2012
It-tħejjija u l- <u>bidu</u> tal-implimentazzjoni ta' pjan dettaljat u proċeduri relatati mat-traslokar ta' EURODAC fl-2013, inklużi kwistjonijiet operattivi relatati ma' kwalunkwe proċeduri tal-akkwist speċifiku li tista' tkun meħtieġa għar-rilokazzjoni jew xiri ta' tagħmir fi Strasburgu. Il-proċeduri tal-akkwist ser jiġu implimentati mill-Kummissjoni f'isem l-Aġenzija sakemm l-Aġenzija tingħata indipendenza finanzjarja.	Ħarifa 2012
L-operazzjonijiet ta' EURODAC jgħaddu f'idejn l-Aġenzija	1 ta' Diċembru 2012
Monitoraġġ u taħriġ	Ottubru-Novembru 2012

#### 4.2 Infrastruttura tal-Komunikazzjonijiet

Ir-responsabilità għall-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet għal SIS II, VIS u EURODAC ser tinqasam bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni. Dan se jkun japplika mill-1 ta' Diċembru 2012 fir-rigward tal-VIS u EURODAC u mill-mument li l-Aġenzija tieħu f'idejha SIS II. L-Aġenzija ser tkun responsabbli mis-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet għal kull waħda mit-tliet sistemi. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli wkoll mill-miżuri ta' sigurtà fir-rigward tal-iskambju ta' tagħrif addizzjonali permezz tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet ta' SIS II.

Prijorità ewlenija minnhom fl-2012 ser tingħata lit-tħejjija għat-teħid taħt kontroll ta' dawn il-kompiti. Fost l-oħrajn, dan ser jinvolvi l-finalizzazzjoni ta' Memorandum ta' Qbil biex jiżgura koerenza bejn ir-responsabilitajiet tal-Aġenzija u l-Kummissjoni u biex jiġu ddefiniti arraġamenti tax-xogħol operazzjonali<sup>3</sup>. L-Aġenzija ser tkun responsabbli wkoll mit-twaqqif tal-proċeduri tekniċi meħtieġa biex tintuża l-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet għal EURODAC. **Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli mill-kompiti kollha l-oħrajn marbutin mal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet, b'mod partikolari l-kompiti marbutin mal-implimentazzjoni tal-baġit, ix-xiri u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali**<sup>4</sup>. Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli wkoll mill-miżuri ta' sigurtà u l-pjan ta' sigurtà għall-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet għal SIS II.

<sup>3</sup> L-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Aġenzija.

<sup>4</sup> L-Artikolu 26 (2) u (3) tar-Regolament tal-VIS, l-Artikolu 15 (2) u (3) tar-Regolament u d-Deċiżjoni tas-SIS II u l-Artikolu 5(b) tar-Regolament tal-Aġenzija

Il-kuntratt S-TESTA mad-DĠ DIGIT ser jiskadi fi tmiem l-2013. Fir-rigward ta' attivitajiet eżistenti, ser ikun possibbli li jkun hemm kuntratti speċifiċi mħaddma f'dan il-qafas sa Settembru 2014, iżda b'talbiet ta' bidla limitati<sup>5</sup>. Fl-2013 għandu jkun disponibbli kuntratt ta' qafas ġdid. Il-formalitajiet kuntrattwali fil-kuntratt qafas il-ġdid u l-migrazzjoni ta' SIS II, VIS u Eurodac lejn in-netwerk il-ġdid iridu jitlestew sa mhux iktar tard minn Settembru 2014. Sa tmiem l-2012, l-Aġenzija ser tibda tippjana l-attivitajiet għat-tnejn u l-implimentazzjoni tal-migrazzjoni tan-netwerk fl-oqsma speċifiċi ta' kompetenza tagħha (superviżjoni, sigurtà u ġestjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tan-netwerk il-ġdid għal VIS, SIS II u EURODAC). Kif intqal iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ser tibqa' responsabbli mill-kwistjonijiet baġitarji u kuntrattwali marbutin man-netwerk.

AZZJONI	PERJODU TA' ŻMIEN INDIKATTIV
MtQ bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata koerenza bejn l-eżerċizzju tal-kompetenza rispettivi tagħom, fir-rigward tal-kompiti marbutin mal-Infrastruttura tal-komunikazzjonijiet. Dan l-MtQ ser ikopri arranġamenti tax-xogħol operazzjonali anki fuq firxa ta' kwistjonijiet oħrajn	FINALIZZAZZJONI SA NOVEMBRU 2012
Twaqqif tal-proċeduri tekniċi meħtieġa biex tintuża l-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet għal EURODAC	FINALIZZAZZJONI SA TMIEM L-2012

#### 4.3 Adozzjoni ta' miżuri ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-dejta

Fl-2012, l-Aġenzija ser twettaq il-kompiti li ġejjin għal SIS II, VIS u EURODAC

- Tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiżgura s-sigurtà tas-sistemi ċentrali, is-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet u s-sigurtà tad-dejta, inkluż pjan ta' sigurtà, li jieħu f'kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet possibbli tal-Gruppi Konsultattivi, bl-eċċezzjoni tal-miżuri ta' sigurtà u l-pjan ta' sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet għal SIS II li ser jibqgħu r-responsabilità tal-Kummissjoni. L-Aġenzija xorta waħda għandha tadotta miżuri ta' sigurtà fir-rigward tal-iskambju ta' tagħrif addizzjonali permezz tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet ta' SIS II.
- Tistabilixxi r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità fir-rigward tal-persunal kollu meħtieġ jaħdem bid-dejta f'SIS II u VIS, sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI u l-Artikolu 26(9) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 rispettivament) u, biex jiġu applikati r-regoli xierqa tas-sigriet professjonali jew dmirijiet ekwivalenti oħrajn għall-persunal tal-Aġenzija li huwa meħtieġ jaħdem b'dejta tal-EURODAC.
- Tiżgura li kull aċċess għal dejta personali u kull skambju tagħha jiġu rreġistrati f'livell ċentrali kif ukoll tiżgura l-protezzjoni tar-rekords b'miżuri xierqa.
- Kwalunkwe kompitu addizzjonali relatat mas-sigurtà assenjata lill-Aġenzija skont l-istrumenti legali għas-sistemi li tħaddem.

<sup>5</sup> Il-Kuntratt Qafas ta' sTESTA jiskadi fit-28.9.2013 u l-aħħar kuntratti speċifiċi jistgħu jkopru servizzi sat-28.9.2014, iżda b'talbiet ta' bidla limitati permessi/possibbli tul l-aħħar sena.

- Fir-rigward tal-miżuri għall-protezzjoni tad-dejta għal EUODAC, l-Aġenzija ser tkun responsabbli wkoll biex tavża lill-Istat Membru ta' oriġini jekk tinstab dejta fattwalment mhux preċiża fis-sistema u mit-trasferiment jew biex tagħmel diponibbli għall-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, dejta rreġistrata fis-sistema, f'każijiet fejn l-Aġenzija hija awtorizzata tagħmel dan b'mod speċifiku.

AZZJONI	PERJODU TA' ŻMIEN INDIKATTIV
<b>Miżuri ġenerali tas-sigurtà</b>	
1. Miżuri ta' Sigurtà inkluż Pjan ta' sigurtà għall-Aġenzija li jkopru kwistjonijiet bħal aċċess għal siti, sigurtà personali.	• Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Q4 2012
2. Kontinwità kummerċjali u Pjan ta' Rkupru minn Diżastru għall-Aġenzija li jkopru kwistjonijiet bħal aċċess għal siti, sigurtà personali.	• Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Q4 2012
3. Rekwiżiti tal-kunfidenzjalità għall-persunal li jaħdem b'dejta fis-sistemi (din il-partita hija separata fl-istrumenti legali)	Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Novembru 2012
<b>Infrastruttura tal-komunikazzjonijiet</b>	
4. Miżuri ta' Sigurtà u Pjan ta' Sigurtà għall-Infrastruttura tal-komunikazzjonijiet li jkopru kwistjonijiet bħall-kontinwità kummerċjali, il-ġestjoni ta' kuntratturi, il-ġestjoni ta' kodiċi ta' kodifikazzjoni, eċċ) minbarra l-miżuri ta' sigurtà u l-pjan ta' sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet għal SIS II li ser jibgħqu r-responsabilità tal-Kummissjoni	Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Novembru 2012
<b>SIS II</b>	
5. Miżuri ta' Sigurtà u pjan ta' sigurtà għal SIS II li jkopru kwistjonijiet bħall-organizzazzjoni tas-sigurtà, il-miżuri tekniċi, il-kontinwità kummerċjali, il-kontroll tal-aċċess, il-kooperazzjoni mal-KEPD u s-segwitu tal-awditjar mill-KEPD.	Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Novembru 2012
6. Adozzjoni ta' miżuri ta' sigurtà fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni addizzjonali peremzz tal-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet ta' SIS II.	Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Novembru 2012

<b>VIS</b>	
7. Miżuri ta' Sigurtà u pjan ta' sigurtà għal VIS, li jkopru kwistjonijiet bħall-organizzazzjoni tas-sigurtà, miżuri tekniċi, il-kontinwità kummerċjali, kontroll tal-aċċess, il-kooperazzjoni mal-KEPD u s-segwitu għall-awditjar tal-KEPD.	Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Novembru 2012
<b>EURODAC</b>	
8. Miżuri ta' Sigurtà u pjan ta' sigurtà għal EURODAC li jiddefinixxu l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà tas-sistema ċentrali, l-infrastruttura tal-komunikazzjonijiet u s-sigurtà tad-dejta. Dawn ser ikopru wkoll kwistjonijiet bħall-kooperazzjoni mal-KEPD u s-segwitu għall-awditjar tal-KEPD.	Approvazzjoni finali mill-Bord ta' Tmexxija: Novembru 2012

#### 4.5 Monitraġġ, rapportar u statistika u Komunikazzjoni

Il-kompiti speċifiċi tal-Aġenzija f'dawn l-oqsma huma ddefiniti fil-bażijiet legali għas-sistemi tal-IT rispettivi u fir-Regolament bażiku. B'mod ġenerali, l-Aġenzija ser tkun responsabbli mit-tneċċja u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-monitoraġġ u l-funzjonament tas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha, ir-rapportar lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-funzjonament tekniku u l-aspetti tas-sigurtà tas-sistemi, il-forniment ta' informazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni għall-evalwazzjoni regolari ta' VIS u EURODAC, il-ġbir ta' statistika dwar l-użu tas-sistemi, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar awtoritajiet nazzjonali li għandhom id-dritt li jaċċessaw jew jużaw id-dejta f'dawn is-sistemi u komunikazzjoni, b'mod partikolari t-twaqqif ta' websajt għall-Aġenzija, tħejjijiet għall-kampanja ta' SIS II skedata għall-ewwel trimestru tal-2013 u komunikazzjoni dwar l-inizjattiva proprja tagħha fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompiti tagħha.

L-azzjonijiet li ġejjin huma previsti għall-2012:

<b>AZZJONI</b>	<b>PERJODU TA' ŻMIEN INDIKATTIV</b>
<b>Monitoraġġ</b>	
1. Implimentazzjoni ta' proċeduri għall-monitoraġġ tal-funzjonament ta' VIS u EURODAC	Q4 2012
2. Issoktar tat-tħejjijiet għall-proċeduri ta' monitoraġġ għal SIS II	Kontinwu
<b>Rapportar</b>	
3. Adozzjoni tar-Rapport Annwali tal-Attività għall-Aġenzija għall-2011 u sottomissjoni lill-PE, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri	15 ta' Ġunju 2012
4. Adozzjoni tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-EURODAC	Hu possibbli li fil-bidu l-Kummissjoni tibqa' responsabbli minn din.

<b>Informazzjoni għall-Kummissjoni, il-Parlament, il-KEPD u l-Istati Membri</b>	
5. L-għoti lill-Kummissjoni ta' dik l-informazzjoni meħtieġa biex tipproduċi l-evalwazzjoni regolari ta' VIS u EURODAC	Skont kif meħtieġ
6. Notifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-miżuri adottati biex tiżgura s-sigurtà tad-dejta użata fil-VIS. F'Mejju 2010, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni dwar Pjan ta' Sigurtà għall-VIS, li timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' sigurtà tal-istrumenti bażiċi tal-VIS. <sup>6</sup>	Ladarba jkunu disponibbli l-pjanijiet ta' sigurtà tal-Aġenzija stess
<b>Statistika</b>	
7. Teħid tal-kontroll fuq ix-xogħol, mibdi mill-Kummissjoni, biex jiġi żgurat li l-Istati Membri implimentaw mekkaniżmi għall-ġbir ta' statistika, inklużi regoli komuni tal-ġhadd, sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-obbligi ta' rapportar sa mill-ewwel jum ta' tħaddim ta' SIS II.	Data ta' skadenza finali għat-tlestija ta' dan ix-xogħol: Marzu 2013
8. L-iżgurar li l-mekkaniżi u l-proċessi huma implimentati sabiex l-Aġenzija tkun tista' tieħu f'idejha kompiti ta' statistika għal VIS sa mill-bidu tal-2013. Ebda kompiti statistiċi ma huma riflessi fit-test tal-Aġenzija għal VIS.	Tmiem l-2012
9. Tlestija tal-istatistika trimestrali, ġabriet statistiċi annwali dwar il-ħidma tal-Unità Ċentrali ta' EURODAC u kwalunkwe statistika oħra li tista' tkun meħtieġa dwar EURODAC	Sa minn tmiem l-2012
<b>Pubblikazzjoni</b>	
10. Pubblikazzjoni tal-aġġornamenti għal-listi ta' awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet li għandhom id-dritt li jaċċessaw, jidħlu, jemendaw, ifittxu, iħassru jew jikkonsultaw dejta f'VIS u EURODAC, skont il-bażijiet legali li jirregolaw dawn is-sistemi.	Skont kif meħtieġ
<b>Komunikazzjoni</b>	
11. Kontribut fl-ippjanar u t-tħejjijiet għall-kampanja informattiva ta' SIS II li trid tiġi organizzata fil-bidu tat-tħaddim ta' SIS II (Marzu 2013)	Ottubru 2012
12. Twaqqif tal-websajt tal-Aġenzija sa tmiem l-2012	Tmiem l-2012
13. Pubblikazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali u r-rapport annwali tal-attività għall-2011	30 ta' Settembru 2012

#### 4.6 Organizzazzjoni ta' taħriġ dwar is-Sistemi tal-IT

L-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-għoti ta' taħriġ lil awtoritajiet nazzjonali, kif inhu stabbilit fir-Regolament bażiku u l-bażijiet legali speċifiċi għas-sistemi tal-IT taħt il-kontroll tagħha. B'mod partikolari, l-Aġenzija ser tkun responsabbli għall-kompiti marbutin mat-taħriġ

<sup>6</sup> Din id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ meta ġiet attivata VIS u ser tibqa' fis-seħħ sakemm l-Aġenzija, li ser ikollha l-pjanijiet tas-sigurtà tagħha stess, tieħu f'idejha r-responsabilitajiet tagħha fl-1 ta' Diċembru 2012.

tekniku fuq VIS u EURODAC<sup>7</sup>. Fl-2012, l-Aġenzija ser tkun f'fażi ta' tħejjija fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet u t-taħriġ proprju ser jibda mill-2013.

Prijorità waħda li għandha tiġi indirizzata fl-2012 u kmieni fl-2013 ser tkun li jiġi stabbilit ir-rwol tal-Aġenzija fil-qasam tat-taħriġ għall-operaturi ta' SIRENE (kjarifika tar-rwoli rispettivi tal-Aġenzija, is-CEPOL u l-Istati Membri f'dan il-qasam). Dan ser iwitti t-triq għall-firma ta' memorandum ta' qbil mas-CEPOL u ftehim dwar l-inklużjoni fil-kurrikuli ta' taħriġ tas-CEPOL tat-taħriġ relevanti dwar SIRENE u SIS II għall-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi. Il-memorandum għandu jkopri wkoll il-qsim tar-responsabilità bejn l-aġenziji.

It-tieni prijorità ser tkun li jiġi stabbilit ir-rwol tal-Aġenzija għat-taħriġ ta' membri tat-tim ta' evalwazzjoni ta' Schengen u esperti ewlenin (kjarifika tar-rwoli rispettivi tal-Aġenzija, is-CEPOL u l-FRONTEX.)<sup>8</sup>.

Prijorità oħra għall-Aġenzija, fir-rigward tal-VIS u EURODAC, ser tkun li tikkoordina l-iżvilupp ta' kurrikuli mal-awtoritajiet nazzjonali u tistabbilixxi pjan ta' forniment tat-taħriġ f'kooperazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet.

Ara wkoll il-punt 4.7 iktar 'l isfel.

#### **4.7 Kooperazzjoni ma' aġenziji, organizzazzjonijiet u proġetti oħrajn fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja**

##### **• Aġenziji**

Skont ir-Regolament bażiku, l-EUROPOL u l-EUROJUST jisgħu jattendu fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija meta fl-aġenda tkun ippjanata kwistjoni dwar SIS II b'rabta mal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. L-EUROPOL jista' wkoll jattendi l-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija bħala osservatur meta fl-aġenda jkun hemm ippjanata kwistjoni dwar VIS b'rabta mal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI.

L-Aġenzija ser tiegħu l-passi inizjali għall-kooperazzjoni mal-Aġenziji mhux biss mal-EUROPOL, u l-EUROJUST, iżda anki mal-ENISA, il-FRONTEX, is-CEPOL u l-FRA. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija ser jipparteċipa fil-laqgħat annwali tal-kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI u rappreżentant tal-Aġenzija (fil-livell ta' uffiċjal amministrattiv) ser jipparteċipa fil-Grupp ta' Kuntatt tal-Aġenziji tal-ĠAI, bil-għan li jiġu esplorati u jintlaħaq qbil dwar forom oħrajn ta' kooperazzjoni. Ir-rappreżentanti ta' għadd ta' dawn l-Aġenziji ser ikunu mistiedna jagħtu preżentazzjonijiet fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija ta' din l-Aġenzija. Il-komplimentarjetà ser tkun objettiv ewleni għal ċerti relazzjonijiet tal-Aġenzija. Dan japplika b'mod partikolari għall-kooperazzjoni mal-EUROPOL u l-kooperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ bejn is-CEPOL, il-FRONTEX u l-Aġenzija.

##### **• Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni**

---

<sup>7</sup> Sa mill-2013, dawn il-kompiti ser jinkludu wkoll taħriġ dwar l-użu tekniku ta' SIS II, b'mod partikolari għall-persunal ta' SIRENE (SIRENE- Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali) u t-taħriġ ta' esperti dwar l-aspetti tekniċi ta' SIS II fil-qafas tal-evalwazzjoni ta' Schengen.

<sup>8</sup> Objettiv ewleni ta' dawn id-diskussjonijiet ser ikun li jiġu eżaminati r-rwoli assenjati lil kull aġenzija għal dan l-objettiv speċifiku fil-bażijiet legali rispettivi tagħhom u li tinkiseb komplimentarjetà billi jiġi żgurat li kull Aġenzija toffri portafoll differenti ta' attivitajiet ta' taħriġ, li meta jingħaqdu flimkien ikopru l-aspetti kollha tal-proċess ta' Evalwazzjoni ta' Schengen

Ir-Regolament li jstabilixxi l-Aġenzija jstipula li “l-Aġenzija għandha ssegwi l-istandards Ewropej u dawk internazzjonali b’kont meħud tal-ogħla rekwiżiti professjonali, b’mod partikolari l-Istrateġija ta’ Ġestjoni tal-Infurmazzjoni tal-Unjoni Ewropea” (Premessa 22). L-Istrateġija ta’ Ġestjoni tal-Infurmazzjoni<sup>9</sup> (IMS) tal-UE tipprovdi metodoloġija biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-UE dwar il-bżonn ta’ ġestjoni u l-iskambju ta’ dejta u deċiżjonijiet dwar il-modi biex isir dan jittieħdu f’kunsiderazzjoni b’mod koerenti, professjonali, effiċjenti, kosteffiċenti, responsabbli u komprensibbli għaċ-ċittadini u l-utenti professjonali. F’dan il-kuntest, f’Diċembru 2012 il-Kummissjoni ser tippreżenta Komunikazzjoni dwar il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta’ Infurmazzjoni (EIXM). Filwaqt li jieħu f’kunsiderazzjoni sħiħa l-IMS, l-EIXM għandu l-għan li jikseb koerenza u konsolidazzjoni aħjar fil-qasam ta’ skambju ta’ infurmazzjoni għall-kooperazzjoni ta’ infurzar tal-liġi<sup>10</sup>. L-Aġenzija ser issegwi l-iżviluppi fl-EIXM bil-għan li tiddefinixxi l-possibilitajiet għall-kooperazzjoni fil-ġejjieni ladarba l-politika tal-EIXM tkun ġiet approvata fil-livell politiku.

#### 4.8 Gruppi Konsultattivi

- Fil-bidu ser ikun hemm tliet konfigurazzjonijiet tal-gruppi Konsultattivi (SIS II, VIS u EURODAC). Dawn il-Gruppi ser ikunu msawra minn rappreżentanti tal-Istati Membri u pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni, il-EUROPOL u l-EUROJUST (għal SIS II) u l-EUROPOL (għall-Grupp Konsultattiv tal-VIS).
- Ir-rwol ewlieni ta’ dawn il-gruppi ser ikun li jipprovdu lill-Bord ta’ Tmexxija bil-kompetenza marbuta mas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u, b’mod partikolari, fil-kuntest tat-tnejjija tal-programm ta’ ħidma annwali u r-rapport annwali tal-attività. Dawn ser jipprovdu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet relatati ma’ miżuri ta’ sigurtà u opinjoni dwar programmi ta’ ħidma multiannwali u l-membri ta’ dawn il-gruppi jistgħu jissejħu sabiex jassistu lill-membri tal-Bord ta’ Tmexxija<sup>11</sup>. Id-Direttur Eżekuttiv jew ir-rappreżentant tiegħu ser ikunu intitolati jattendu l-laqgħat kollha ta’ dawn il-gruppi bħala osservaturi.
- Il-Grupp Konsultattiv tal-EURODAC jipprovdi wkoll pariri lill-Bord ta’ Tmexxija dwar l-aspetti tekniċi tat-tnejjija fiżika ta’ EURODAC.
- Il-laqgħat inawgurati tal-Gruppi Konsultattivi fit-tliet konfigurazzjonijiet kollha kemm huma (SIS II, VIS u EURODAC) seħħew matul il-ġimgħa tal-5-8 ta’ Ġunju 2012 f’Tallinn. Għandhom iseħħu laqgħat oħrajn kull xahar-xahrejn, skont il-prijoritajiet fuq l-aġenda.

---

<sup>9</sup> L-IMS ġiet adottata mill-Kunsill ĠAI fit-30.11.2009 (ara d-dok. 16637/09 JAI 873).

<sup>10</sup> L-ewwel pass tal-EIXM li twettaq fl-2010/11 involva eżerċizzju ta’ mmappar dwar l-erba’ oqsma ta’ leġiżlazzjoni, komunikazzjoni, flussi ta’ infurmazzjoni u teknoloġija.

<sup>11</sup> Kompiti oħrajn tal-Gruppi Konsultattivi jistgħu jinkludu l-forniment ta’ kompetenza dwar it-teknoloġija tal-infurmazzjoni lill-Bord ta’ Amministrazzjoni dwar is-sistemi, it-tnejjija ta’ speċifikazzjonijiet tekniċi ta’ għamla deskrittiva li ma jimponux dispożizzjonijiet normattivi fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-forniment ta’ kontribuzzjonijiet fuq l-abbozzi tar-rapporti dwar il-fnżjonament tekniku tas-sistemi, dwar it-taħriġ ta’ esperti, dwar l-orjentazzjoni għal-monitoraġġ tar-riċerka, dwar l-istatistika fuq is-sistemi u dwar kwalunkwe kwistjoni oħra strettament marbuta mal-iżvilupp jew il-ġestjoni operattiv tas-sistemi. Il-prijoritajiet speċifiċi ser jiġu stabbiliti minn kull grupp. B’mod partikolari, il-ħidma tagħhom ser tieħu f’kunsiderazzjoni l-prijoritajiet operazzjonali għas-sistema rilevanti.

#### 4.9 Segretarjat tal-Bord ta' Tmexxija

Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija f'funzjoni amministrattiva sakemm l-Aġenzija ssir operazzjonali u l-kuntrattur estern jieħu ħsieb il-formalitajiet loġistiċi. Dan ser japplika għal-laqgħat tal-Bord sakemm ikun fil-kariga id-Direttur Eżekuttiv u jiġi implimentat l-appoġġ segretarjali tal-Aġenzija (skedati bi prova għal Novembru 2012).

Minn dak il-mument, il-Kummissjoni ser tibda tgħaddi r-responsabilità pass wara pass tal-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija lid-Direttur Eżekuttiv, għad li ser iżżomm ir-responsabilità finanzjarja sakemm l-Aġenzija ssir kompletament indipendenti minn perspettiva finanzjarja. Dan hu mistenni li jseħħ fl-2013.

AZZJONI	PERJODU TA' ŻMIEN
Laqgħa inawgurati tal-Bord ta' Tmexxija (MB):	22-23 ta' Marzu 2012
It-tieni laqgħa tal-MB	28 ta' Ġunju 2012
It-tielet laqgħa tal-MB	29-30 ta' Novembru

#### 4.10 Kompiti Operattivi Oħrajn

*Kompiti oħrajn imsemmija fir-Regolament bażiku, b'mod partikolari l-monitoraġġ tar-riċerka, l-implimentazzjoni tal-iskemi pilota u l-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT ġodda oħrajn ser jibdew fis-snin ta' wara.*

## 5. Bini tat-tim

Id-daqs ippjanat tal-Aġenzija jikkorrispondi għar-rwol kruċjali li ser ikollha fil-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira li huma essenzjali għall-kisba ta' għanijiet politiċi importanti u viżibbli fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Fl-2012 l-Aġenzija ser tibda bir-reklutaġġ tal-persunal u ser tagħmel l-arranġamenti meħtieġa tal-organizzazzjoni. L-Organigramma tal-Aġenzija tispeċifika li fl-2012 jistgħu jinħatru 75 Aġent Temporanju.

### 5.1. L-istrateġija ta' reklutaġġ tal-Aġenzija fl-2012

L-istrateġija ta' reklutaġġ tal-2012 tiegħu f'kunsiderazzjoni l-organigramma għall-2012. Il-prijoritajiet, l-għażla tal-proċeduri u l-arranġamenti deskritti hawn taħt ġew iddefiniti f'konsultazzjoni mill-qrib mad-DĠ HR u l-EPSSO.

L-Aġenzija ma għandha ebda inkarigi permanenti fl-organigramma tagħha. Il-persunal tal-Aġenzija ser ikun imsawwar minn Aġenti Temporanji (b'terminu twil u qasir), Aġenti Kuntrattwali (b'terminu twil u qasir) u Esperti Nazżjonali Sekondati (ENS). Skont l-iskeda attwali, l-Aġenzija ser tkun fil-fażi ta' tnedija fl-2012 u ser taħtar u tħarreġ primarjament il-membri tal-persunal tagħha.

L-Organigramma tal-2012 tal-Aġenzija tippredvi r-reklutaġġ ta' 75 membru tal-persunal matul dik is-sena (madwar 62 membru tal-persunal operazzjonali u 13-il membru tal-persunal amministrattiv). Il-prijorità inizjali ewlenija matul l-2012 ser tkun li jiġu stabbiliti l-unitajiet operazzjonali responsabbli biex jieħdu f'idejhom il-ġestjoni operattiva tas-sistemi sa mill-1 ta' Diċembru 2012, kif ukoll il-pedament tal-unitajiet ta' assistenza, jiġifieri s-servizzi amministrattivi, il-maniġment tar-riżorsi umani u l-unità tal-finanzi, l-akkwisti u l-kuntratti u l-funzjonijiet tal-pariri legali. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu l-kariga tiegħu tard fl-2012 ukoll.

Il-profilu meħtieġa mill-Aġenzija huma kif ġej:

- Direttur Eżekuttiv
- Uffiċjal tas-Sigurtà, Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u Uffiċjal tal-Kontabilità
- Maniġment (għall-ġestjoni ta' attivitajiet tekniċi u amministrattivi)
- Persunal tekniku (sigurtà, operatori ta' helpdesks, speċjalisti tal-informatika, persunal ta' appoġġ u assistenza tal-informatika u persunal amministrattiv fil-bosta oqsma tekniċi meħtieġa biex jitħaddmu u jiġu amministrati s-sistemi)
- Persunal amministrattiv (Amministrazzjoni u Koordinazzjoni Ġenerali; Liġi; Finanzi, Awditjar u Akkwisti; Appoġġ Amministrattiv u Loġistiku).

Il-proċeduri għat-tfassil tal-listi ta' riżerva ta' persunal ta' ġestjoni u tekniku, wara s-*Sejħa għal espressjonijiet ta' interess*<sup>12</sup> ippubblikata fit-23 ta' Novembru 2011 tlestew sa Awwissu 2012. Fl-2012 għandhom jinħatru madwar 30 membru tal-persunal minn dawn il-

---

<sup>12</sup> Għall-persunal tal-Maniġment (gradi AD 10 u AD 12), tas-Sigurtà (gradi AD 5 u AD 7), Speċjalisti tal-Informatika (gradi AD 5, AD 7 u AD 9) u ta' Appoġġ u Assistenza tal-Informatika (gradi AST 3 u AST 5).

listi. Ir-reklutaġġ ta' persunal amministrattiv huwa żgurat permezz ta' listi ta' riżerva eżistenti (l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal – EPSO- bagħat informazzjoni dwar din il-kwistjoni lill-gradwati kollha li kienu f'listi ta' riżerva validi fid-database tiegħu u li kienu għadhom ma nħatrux bħala uffiċjali). Fl-2012 għandhom jinħatru madwar 12-il persuna permezz ta' din il-proċedura. Fl-2012 l-Aġenzija ser taħtar numru limitat ta' membri addizzjonali tal-persunal b'esperjenza fil-ġestjoni ta' unitajiet ċentrali ta' sistemi tal-IT relatati ma' Schengen (SIS, EURODAC, VIS) biex tiżgura kontinwità fit-tħaddim tas-sistemi.

L-Uffiċċjal tas-Sigurtà, l-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Uffiċċjal tal-Kontabilità għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija b'rispons għall-avviżi speċifiċi ppubblikati għal kull kariga.

AZZJONI	PERJODU TA' ŻMIEN
Ħatra tad-Direttur Eżekuttiv	Data fil-mira bi prova għall-ħatra mill-Bord ta' Tmexxija (Settembru 2012)
Ħatra tat-tim inizjali tal-Aġenzija (75 persuna): persunal tekniku, persunal biex tiġi żgurata kontinwità tal-operazzjonijiet u persunal amministrattiv)	Ħarifa 2012. Lista ta' riżerva għall-persunal tal-maniġment u tekniku (wara s-Sejħa għal espressjonijiet ta' interess) ser tkun disponibbli minn Awwissu 2012
Reklutaġġ tal-Uffiċċjal tas-Sigurtà, Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data u Uffiċċjal tal-Kontabilità	Tmiem l-2012

## 5.2. Pjan multiannwali tal-politika dwar il-persunal għall-2013-2015

L-abbozz tal-pjan multiannwali tal-politika dwar il-persunal 2013-2015 ġie ppreżentat fl-ewwel laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija f'Marzu 2012 u ġie adottat matul din il-laqgħa.

## 5.3. Taħriġ tal-Persunal tal-Aġenzija

Il-korsijiet ser jiġu organizzati fl-2012 kemm għall-ġodda tekniċi kif ukoll għal dawk li mħumiex. Dawn ser jinkludu taħriġ ta' introduzzjoni għaż-żewġ profili, taħriġ tekniku iktar speċjalizzat u taħriġ speċifiku mfassal għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull sistema li ser tkun amministrata mill-Aġenzija. Ser jittieħdu passi wkoll sabiex jiġi żgurat li l-profilu l-oħrajn tal-persunal jirċievu t-taħriġ xieraq. Dan japplika b'mod partikolari għall-persunal fil-qasam finanzjarju.

It-taħriġ speċifiku ser jiffassal billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-direzzjonijiet tat-taħriġ li jridu jtfasslu għal kull membru tal-persunal, filwaqt li jiġu ddefiniti b'reqqa t-tipi ta' taħriġ meħtieġa biex il-ħiliet eżistenti tagħhom jitqabblu mar-rekwiżiti sħaħ għall-funzjonijiet speċifiċi tagħhom.

It-taħriġ għall-persunal tal-Aġenzija fil-kuntest tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u taħriġ għat-teħid taħt kontroll tal-ġestjoni tas-sistemi tal-IT huwa kopert fl-intestaturi speċifiċi għal dawn il-programmi fil-punt 4.1 muri iktar 'il fuq.

TAĦRIĠ FUQ IL-POST	DATA
1. It-Taħriġ tal-Pakkett ta' Merħba fl-Aġenzija għall-persunal li mhuwiex fil-qasam informatiku (kors ta' ġimġha li jipprovdi lill-ġodda mhux fil-qasam tekniku b'ħarsa ġenerali lejn is-sistemi kollha, b'mod partikolari l-elementi kummerċjali u dawk arkitetturali ewlenin).	Ottubru – Novembru 2012
2. Il-Pakkett ta' Merħba fl-Amministrazzjoni (simili għall-korsijiet ta' introduzzjoni organizzati għall-membri l-ġodda tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea	Ottubru – Novembru 2012
3. It-Taħriġ tal-Pakkett ta' Merħba tal-Aġenzija fl-Informatika <sup>13</sup>	Settembru – Novembru 2012
4. Taħriġ tekniku speċifiku dettaljat għall-esperti (speċjalisti tal-informatika) <sup>14</sup>	Ottubru – Novembru 2012
5. Taħriġ kummerċjali u operazzjonali (speċjalisti tal-informatika) <sup>15</sup>	Ottubru – Novembru 2012

It-taħriġ tekniku lill-awtoritajiet nazzjonali dwar is-sistemi tal-IT amministrati mill-Aġenzija huwa kopert fil-punt 4.6.

<sup>13</sup> Kors ta' ġimġha li jipprovdi lill-ġodda fil-qasam tekniku b'taħriġ dettaljat dwar aspetti li huma komuni fis-sistemi kollha). Dan it-taħriġ ser ikun obligatorju għall-profili tekniċi kollha; profili oħrajn jistgħu jkunu mistiedna jieħdu sehem f'sett imnaqqas ta' moduli tat-taħriġ, biex jiġi żviluppat l-għarfien kummerċjali tagħhom fl-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija.

<sup>14</sup> Dan ser ikopri suġġetti bħal Oracle, Weblogic u/jew hardwer speċifiku), filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-kompiti speċifiċi li l-membri persunal ser ikunu meħtieġa jwettqu u l-livell eżistenti ta' għarfien tagħhom.

<sup>15</sup> Taħriġ kummerċjali u operazzjonali: taħriġ marbut mal-funzjonijiet kummerċjali u operazzjonali tas-sistema speċifika li l-persunal ser iħaddem jew jamministra (eż. kif inhuma pproċessati l-viżi, l-ambjent kummerċjali għal EURODAC, kif jiġu solvuti inċidenti...). Għal VIS u SIS II, dan it-taħriġ ser jingħata fuq il-bażi tal-materjal fornit mill-kuntrattur ewlieni ta' żvilupp matul il-pjanijiet ta' Transizzjoni ta' VIS/BMS u SIS II (fil-parti l-kbira proċeduri operazzjonali li jiddeskrivu xenarji operazzjonali fuq skala kbira jew ta' kuljum).

## **6. Kwistjonijiet amministrattivi, l-infrastruttura, il-ġestjoni finanzjarja u l-loġistika**

Skont l-Artikolu 36 tar-Regolament bażiku, fuq bosta xhur il-Kummissjoni f'funzjoni amministrattiva ħadet bosta passi biex tibda timplimenta l-faċilitajiet u l-proċeduri amministrattivi, finanzjarji u loġistiċi neċessarji li ser ikunu meħtieġa sabiex l-Aġenzija tibda topera. Minbarra l-ftehim kurrenti mal-EPSCO għall-ġħoti ta' assistenza fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' selezzjoni għall-Aġenzija, matul l-2012 ser jiġu fformalizzati ftehimiet fil-livell tas-servizz u arranġamenti oħrajn tax-xogħol mas-servizzi tal-Kummissjoni li ġejjin.

- L-OIB għall-ġħoti ta' pariri tekniċi relatati mas-selezzjoni u t-titjib tal-bini għat-twaqqif tal-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn u għall-forniment ta' spazju temporanju bħala ufficiċju fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell għall-persunal tal-Aġenzija li għandu jinħatar qabel ma jkun disponibbli l-bini temporanju fl-Estonja.
- Is-Servizz ta' Intervent Mediku u Psikosoċjali tad-DG Riżorsi Umani u s-Sigurtà għal formalitajiet marbutin mat-tgħarbil mediku ta' kandidati partikolari
- L-Ufficiċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) għall-ħlas tal-pagamenti u l-ispejjeż lill-persunal tal-aġenzija u l-kandidati għall-karigi
- Id-DG Riżorsi Umani u d-Direttorat tas-Sigurtà għas-Sigurtà dwar il-konformità mal-istandards tas-sigurtà u d-DG DIGIT għall-installazzjoni tan-netwerk s-TESTA
- Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE
- Id-DG Baġit għall-installazzjoni tal-ABAC
- L-OLAF: adeżjoni fil-ftehim interistituzzjonali dwar l-investigazzjonijiet mill-OLAF, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Aġenzija (f'Ġunju 2012 il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għal investigazzjonijiet interni marbutin mal-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali li tkun ta' ħsara għall-interess tal-Komunitajiet).

Matul il-fażi bikrija tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija, qabel tingħata indipendenza finanzjarja, il-Kummissjoni ser tikkonkludi f'isem l-Aġenzija numru ta' kuntratti, inklużi l-kuntratti MWO għal SIS II u VIS. Ladarba l-Aġenzija tingħata indipendenza finanzjarja (ippjanata għall-2013), ser tieħu r-responsabilità għall-kwistjonijiet finanzjarji marbutin ma' dawn il-kuntratti.

### **6.1 Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali mal-Estonja u ftehimiet dwar is-siti ma' Franza u l-Awstrija**

Ix-xogħol f'din l-intestatura ser ikompli fuq il-passi tal-ħidma preparatorja mwettqa mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Estonja, Franza u l-Awstrija fl-2011 u kmieni fl-2012.

Qegħdin isiru negozjati fuq it-tliet abbozzi tal-ftehimiet li jiddefinixxu l-arranġamenti dwar l-akkomodazzjoni li trid tiġi pprovduta għall-Aġenzija fl-Istati Membri ospitanti, il-faċilitajiet li jridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni minn dawk l-Istati Membri, l-arranġamenti tas-sigurtà u r-regoli speċifiċi li japplikaw fl-Istati Membri ospitanti għad-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Bord ta' Tmexxija, il-persunal tal-Aġenzija u l-membri tal-familja tagħhom. Fir-rigward tas-sigurtà, l-Aġenzija hija responsabbli għas-sigurtà fil-bini tagħha. Madankollu, l-Artikolu 30(2) tar-Regolament tal-Aġenzija jobbliga lill-Istat Membru ospitanti sabiex jieħu

miżuri adegwati biex iżomm l-ordni u s-sigurtà fil-viċinanza tal-bini tal-Aġenzija<sup>16</sup>. Dawn l-obbligi ser jiġu riflessi fil-ftehimiet dwar il-Kwartieri Ġenerali u dwar is-siti.

In-negozjati huma mistennija javvanzaw fil-ħin għall-ftehimiet li jridu jiġu approvati mill-Bord ta' Tmexxija u ffirmati mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija mal-Istati Membri ospitanti fit-tielet trimestru tas-sena.

## **6.2 Il-bini tal-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn, l-Estonja**

Bħala parti mill-offerta tagħhom li jilqgħu l-Aġenzija, l-awtoritajiet Estonjani impenjaw ruħhom sabiex joffru bini xieraq għall-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn mingħajr ħlas. Fit-terminu medju (madwar sentejn jew tlieta), beħsiebhom jipprovdu lill-Aġenzija b'bini mfassal b'mod speċifiku biex jilqa' b'mod permanenti l-Kwartieri Ġenerali tagħha f'Tallinn. Il-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzija ser ikunu ospitati f'bini temporanju sakemm jitlesta dan il-bini permanenti.

L-Estonja pprovdiet il-bini temporanju sa Ġunju 2012. Il-bini magħżul mill-Kummissjoni mill-alternattivi proposti mill-awtoritajiet jinstab f'4, Ravala St ("Dar l-Ewropa") fiċ-ċentru ta' Tallinn fejn jinstabu wkoll ir-Rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew. It-tifsila ta' dan il-bini trid tiġi mmodifikata sabiex jiġu rrispettati r-rekwiżiti tekniċi u tas-sigurtà u biex jiġu rfinati l-ħtiġijiet operazzjonali speċifiċi tal-Aġenzija.

Il-bini permanenti ser jiġi identifikat iktar tard f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord ta' Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv.

## **6.3 Konverżjoni mill-ġdid ta' C.SIS fi Strasburgu f'sit tekniċu tal-Aġenzija**

Fil-qafas ta' Kuntratt Speċifiku mal-Kummissjoni, hemm kuntrattur li qiegħed jagħmel studju biex jivvaluta s-sit attwali tas-C.SIS u jirrakkomanda miżuri speċifiċi biex dan is-sit jiġi kkonvertit mill-ġdid fis-sit tekniċu tal-ġejjieni tal-Aġenzija. Is-sit ser ikollu bżonn ikun ċentru tad-dejta modern li jopera s-sistemi tal-IT bi spejjeż minimi u l-aqwa użu tar-riżorsi. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi mill-istudju qed jiġu analizzati u l-Bord ta' Tmexxija ser jiġi kkonsultat dwar din il-kwistjoni matul laqgħa li se ssir fl-2012. Il-pass li jmiss ser ikun il-konklużjoni ta' kuntratt ma' uffiċċju ta' studji arkitetturali għall-iżvilupp ta' pjan ta' implimentazzjoni, bil-għan li jiġu implimentati x-xogħlijiet ta' prijorità meħtieġa sabiex l-Aġenzija tibda topera mhux iktar tard minn Diċembru 2012. L-Aġenzija ser tkun responsabbli mill-ġestoni u s-sorveljanza tal-eżekuzzjoni ta' dan il-pjan ta' implimentazzjoni. Matul l-2013 jista' jkun hemm bżonn ta' xogħlijiet oħrajn ta' konverżjoni mill-ġdid.

## **6.4 Tħejjija tas-sit ta' riżerva f'St Johann im Pongau**

Fil-każ ta' diżastru li jipprevjeni lill-Aġenzija milli topera s-sistemi tal-IT mill-bini tagħha fi Strasburgu (Franza), l-operat ta' dawn is-sistemi jsir mis-sit ta' riżerva (BCU) li jinstab f'Sankt Johan im Pongau (l-Awstrija). Il-persunal minn Strasburgu jiġi ttrasferit b'mod temporanju lejn is-sit ta' riżerva sakemm tinstab soluzzjoni għall-problemi.

---

<sup>16</sup> Inkluż ukoll il-forniment ta' protezzjoni xierqa u l-garanzija ta' aċċess liberu għall-bini u l-art tal-Aġenzija minn persuni awtorizzati mill-Aġenzija

Għaldaqstant, l-Aġenzija ser ikollha bżonn ta' infrastruttura adegwata u appoġġ organizzazzjonali fis-sit ta' riżerva għall-operazzjoni ta' bidla/*failover* stess flimkien ma' faċilitajiet u appoġġ addizzjonali biex taqdi lill-persunal ittrasferit b' mod temporanju.

It-timijiet tal-membri tal-persunal mis-sit ta' Strasburgu li jintbagħtu fuq missjoni għal perjodi ta' ġimgħa ser jiżguraw preżenza permanenti fis-sit BCU.

Is-sit ta' riżerva diġà tħejja sa standard għoli biżżejjed biex jibda jaħdem f'każ ta' diżastru li jwassal għal bżonn ta' bdil/*failover* ta' waħda jew iktar mis-sistemi. Madankollu, hemm bżonn li jissaħħu l-faċilitajiet biex jintużaw fil-każ ta' diżastru li jkun jeħtieġ tim permanenti fuq il-post għal perjodu itwal.

Ġew iddefiniti r-rekwiżiti speċifiċi f' termini ta' infrastruttura, faċilitajiet ta' komunikazzjoni, rekwiżiti loġistiċi u appoġġ organizzazzjonali, inklużi rekwiżiti addizzjonali għal diżastru għal perjodu itwal. Dan id-dokument ser ikun parti mill-ftehim li jrid jiġi konkluż mal-Awstrija fuq is-sit ta' riżerva.

Sakemm tingħata l-approvazzjoni tal-ftehim dwar is-sit ta' riżerva, jista' jkun hemm il-possibiltà li jiġi emendat il-kuntratt attwali bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Awstrija għall-ġestjoni ta' dan is-sit, bil-għan li jinkiseb iktar spazju għall-EURODAC (u bżonnijiet oħrajn).

Matul in-negożjati mal-Awstrija, ser ikun hemm bżonn li jiġi diskuss ukoll jekk il-kuntratt attwali ta' servizz għas-sit ta' riżerva hux ser ikollu bżonn jiġi adattat għar-rekwiżiti tal-ftehim tas-sit jew ftehim tekniku separat, u jekk iva, kif.

## 6.5. Ġestjoni Finanzjarja

Il-Kummissjoni ħejjiet għadd ta' eżiti finali marbutin mal-ġestjoni finanzjarja, filwaqt li aġixxiet fir-rwol amministrattiv tagħha. Dan japplika b' mod partikolari għall-Baġit tal-2012 u l-abbozz tad-dikjarazzjoni ta' stimi għall-2013, l-abbozz tal-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2012 u l-abbozz tal-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2013 u r-Rapport Annwali tal-Attività 2011.

Fl-2012, l-Aġenzija ser tibda twaqqaf l-istrutturi finanzjarji u ċ-ċirkwiti meħtieġa, u l-persunal speċjalizzat ser jinħatar biex jittratta l-proċeduri finanzjarji u tal-akkwisti.

L-Aġenzija għandha t-tir li ssir finanzjarjament indipendenti fl-2013.

- Fil-perjodu ta' qabel l-għoti tal-indipendenza finanzjarja lill-Aġenzija, il-Kummissjoni ser tnedi għadd ta' proċeduri ta' offerti f' isem l-Aġenzija u se tibda l-ħidma fuq pjan tal-akkwisti.

Matul dan il-perjodu, l-Aġenzija diġà ser tassumi r-responsabilità għas-superviżjoni ta' kwistjonijiet operazzjonali marbutin ma' dawn il-kuntratti.

- Ladarba l-Aġenzija tikseb indipendenza finanzjarja, ser tieħu r-responsabilità għall-kwistjonijiet finanzjarji, ser tibqa' responsabbli għal kwistjonijiet finanzjarji, filwaqt li taħdem fuq il-bażi ta' pjan tal-akkwisti u ser tindirizza firxa wiesgħa ta' proċeduri tal-akkwist, inklużi proċeduri għall-aġġornament tal-bini u l-faċilitajiet, l-akkwist ta' tagħmir u għamara u akkwisti speċjalizzati marbutin mas-sistemi tal-IT amministrati minnha.

F'dawn iż-żewġ fażijiet, il-Bord ta' Tmexxija ser jiġi mgħarraf dwar is-sejħiet għall-offerti ewlenin u l-esperti mill-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna fuq bażi ta' każ b'każ biex jipprovdu kompetenza teknika għad-definizzjoni tad-dokumenti u l-proċeduri tal-offerti.

## 6.6 Arranġamenti oħrajn

L-arranġamenti loġistiċi meħtieġa l-oħrajn ser isiru biex jiġi żgurat li l-Aġenzija tibda tipprovdi s-servizzi tagħha mill-Estonja matul is-sajf tal-2012.

*L-attivitajiet ta' komunikazzjoni huma deskritti fil-punt 4.5.*

<b>Azzjoni</b>	<b>Perjodu ta' żmien indikattiv</b>
Finalizzazzjoni u ffirmar tal-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali mal-Estonja	It-tielet trimestru tal-2012
Finalizzazzjoni u ffirmar tal-ftehim dwar is-sit tekniku ma' Franza	Tmiem Novembru 2012
Finalizzazzjoni u ffirmar tal-ftehim mal-Awstrija dwar is-sit ta' Riżerva	It-tielet trimestru tal-2012
Finalizzazzjoni tal-memorandi ta' qbil u/jew ftehimiet mas-servizzi tal-Kummissjoni biex jingħata appoġġ/jiġu pprovduti funzjonijiet amministrattivi (bini, sigurtà, ħlas ta' persunal, tgħarbil mediku tal-kandidati)	It-tielet trimestru tal-2012
Bini temporanju li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Estonja	It-tieni trimestru tal-2012
Tagħmir fil-bini interim f'Tallinn	It-tieni trimestru tal-2012
Implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi u tas-sigurtà meħtieġa fis-siti	Diċembru 2012